LOKALI

# Ir-Robot Gamblu jdur ma’ Malta biex jgħallem lit-tfal dwar il-baħar

Minn Glen Falzon | 25 ta' Frar 2023






Il-Bijologu Marittimu, Alan Deidun, qal li hemm opportunitajiet għal studenti Maltin li jagħmlu karriera mix-xjenza tal-baħar u b’hekk ikunu huma u mhux il-barrani li jiddeċiedu kif għandhom iħarsu l-ibħra ta’ Malta u Għawdex.

Il-Professur Deidun kien qiegħed jitkellem fi tmiem żjara li studenti minn skejjel sekondarji għamlu fl-Akwarju Nazzjonali fejn permezz tat-teknoloġija tgħallmu dwar l-ibħra.

Debug information
Help center
TwentyThree video players
About TwentyThree

> Dan hu robot u semmejnieh 'Gamblu' u l-idea hi li jdur il-mużewijiet madwar Malta u jgħallem lit-tfal fuq l-oċeani ta' madwarna.
>
> Adam Gauci

Ir-robot kapaċi jkellem lit-tfal dwar il-bram u l-plastik li jintrema fuq il-bajjiet.

> Pereżempju waħda mid-domandi hi kemm ilhom il-bram fl-ibħra jew pereżempju x'kulur hu l-iktar plastik komuni fir-ramel.
>
> Adam Gauci

L-istudenti ħadu gost jitkellmu mar-robot. F'din iż-żjara, l-istudenti tgħallmu dwar il-ħlejjaq tal-baħar.

Dawn l-inizjattivi huma parti minn proġett b'fondi Ewropej imsemmi CORALLO li qed isir fost oħrajn bis-sehem tal-Università ta' Malta, l-Awtorità għall-Ambjent u Heritage Malta.

Il-proġett qed jiġi kkordinat mill-Professur Alan Deidun li spjega li bih qed iżewweġ l-istudji dwar il-baħar mat-teknoloġija.

> Qed nuru l-istudenti tagħna li possibbli li jkollok karriera dwar il-baħar u fuq il-baħar u fuq ix-xjenza tal-baħar u anzi għandna bżonn iktar. S'issa, dejjem iddependejna fuq barranin biex jiġu jistudjaw hawnhekk u jgħidulna x'għandna nagħmlu u ma nagħmlux u naħseb wasal iż-żmien li l-istudenti Maltin jibdew idawru ħarsithom lejn il-baħar u jagħtu iktar importanza lejn ix-xjenza marittimi.
>
> Professur Alan Deidun

Il-Ministru għall-Ambjent, Miriam Dalli, tenniet l-impenn tal-Gvern li jkompli jħares l-ibħra għax qalet hu patrimonju li jrid jgħaddi għall-ġenerazzjonijiet futuri.

ALAN DEIDUN BAĦAR ROBOT STUDENTI

Facebook Twitter WhatsApp Copy Link



**GLEN FALZON**

Ilu jaħdem bħala ġurnalist mill-2014 f'diversi kmamar tal-aħbarijiet. Ingħaqad mal-Kamra tal-Aħbarijiet tal-PBS fl-2016. Għandu għal qalbu l-ġrajjiet kurrenti u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-politika lokali u internazzjonali. Xandar tal-aħbarijiet u ta' kull ġimgħa, jippreżenta l-programm 'Insights' u 'Ħadt l-Aħbar' fuq l-istazzjon nazzjonali.

## RELATATI

**ARA: Tfal Maltin jaqbdu dirett ma' astronawta fl-ispazju**
16 ta' Frar 2023

**Identifikat ir-raġel li waqa' fil-baħar fil-maltempata Helios**
13 ta' Frar 2023

**Studenti jitgħallmu l-fotografija u l-arkeoloġija fis-sekondarja**
23 ta' Jannar 2023

**Provvista ta' ilma ħelu għal 75 sena f'qiegħ...**
16 ta' Jannar 2023

**3,896 student u studenta megħjuna minn LSE**
11 ta' Jannar 2023

**"Qalli li bdiltlu ħajtu" – il-Malti li għenu...**
7 ta' Jannar 2023